**14 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

M. Demajo (Playthings) Ltd.

*versus*

Pierre Balzan

**Preskrizzjoni**

*Jekk l-eċċipjent ma jispeċifikax liema preskrizzjoni qed jinvoka, il-Qorti ma tistax tikkunsidraha altrimenti l-Qorti tkun qed tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ppremettiet illi hija kredtriċi tal-konvenut fis-somma ta' elfejn u tnejn u għoxrin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm2,022.26) prezz ta' ġugarelli lilu mibjugħa u kkonsenjati mis-soċjetà attriċi;

Premess illi l-konvenut nonostante l-fatt li ġie diversi drabi interpellat iħallas naqas;

Is-soċjetà attriċi talbet li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi u ddispensat is-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u in vista ta' l-affidavit ta' Louis Balzan (dok. A):

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn u tnejn u għoxrin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm2,022.26);

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Ottubru, 1995 u bl-imgħax legalli mill-1 ta' April, 1995 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni a fol. 2A;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 fejn eċċepixxa illi:

Il-preskrizzjoni tat-talbiet attriċi *ai termini* ta' l-artikolu 2148 u 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi m'hemm dovuti l-ebda flus lis-soċjetà attriċi;

*Omissis*;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat li ma saret ebda nota da parti tal-konvenut u lanqas ma talab għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u lanqas ma ġab il-provi tiegħu fuq l-eċċezzjoni minnu ssollevata għalkemm ingħata opportunità biex jagħmel dan;

Il-konvenut qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 2148 u 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili u li m'hemm ebda flus dovuti lis-soċjetà attriċi;

Louis Balzan xehed li l-konvenut għandu jagħti lid-ditta

attriċi s-somma ta' Lm2,022.26 għall-merkanzija (*toys*) li ħa f'Ottubru, Novembru u Diċembru, 1991. Il-konvenut kien qalilhom li kien irritorna xi *toys* milli kien ħa. Talbuh għall-*credit note* li soltu jagħtu f'każijiet bħal dawn iżda ma kellux. Huma fittxew fir-*records* tagħhom iżda ma sabu xejn. Il-konvenut ma kienx jaf kemm u liema oġġetti rritorna. Il-konvenut ried li l-ewwel tiġi *settled* il-kwistjoni tar-*returns* qabel ma jħallas. Il-konvenut kien aċċetta li parti minnhom għandu jħallashom. Fl-1995 hu kien iltaqa' darbtejn mal-konvenut fuq dina l-kwistjoni;

Stephen Fenech xehed li hu jaħdem bħala *storekeeper*. Jaf li l-konvenut kien jixtri mingħandhom. Fil-perijodu li kien *storekeeper* (1980-1995) il-konvenut ma kien irritorna xejn. Dan ġie kkonfermat mill-i*storekeeper* l-ieħor Simon Aloisio;

Mario Balzan Demajo xehed li Balzan kien jaġixxi bħala *wholesaler*. Kien ħa merkanzija però ma kienx ħallas tagħha. Huma kienu joħorġulu *statements* regolari. Kien sar inkontru miegħu u l-konvenut beda jsostni li parti mix-xogħol kien bagħtu lura iżda ma kellu ebda dokumenti biex juri dana. L-ewwel inkontru kien sar fl-1995. Meta reġa' ltaqa' mal-konvenut fl-aħħar ta' l-1996 il-konvenut beda jsostni li kien irritorna l-merkanzija kollha. Ix-xogħol kien inbiegħ f'Ottubru/ Diċembru, 1991 (ara *invoice* a fol. 33);

L-artikolu 2148 jitkellem dwar preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar u jsemmi diversi azzjonijiet li jaqgħu b'dina l-preskrizzjoni;

Mill-eċċezzjoni tal-konvenut ma jirriżultax liema subartikolu tal-liġi hu qed jinvoka u liema tip ta' preskrizzjoni qed jirreferi;

Kif kienet sostniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-ħdax (11) ta' Mejju, 1956 fl-ismijiet **R. Cali *vs* Perit G. Galea**, Vol. XL, pt. I, p. 166 jekk l-eċċipjent ma jispeċifikax liema preskrizzjoni qed jinvoka, il-Qorti ma tistax tikkunsidraha. Għax il-Qorti tkun qed tissuplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva. Il-Qorti f'dak il-każ kienet qed tirreferi għall-eċċezzjoni alternattiva;

L-artikolu l-ieħor ikkwotat mill-konvenut (2156 (f)) jirreferi għall-preskrizzjoni ta' ħames snin. Iżda jekk wieħed jieħu d-data ta' meta l-oġġetti ġew mibjugħa (mhux meta l-konvenut kellu jibda jħallas) ċjoè Ottubru, 1991, il-ħames snin m'għaddewx għax il-kawża ġiet ippreżentata f'Jannar, 1996;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u tiddifferixxi l-kawża għall-provi tal-partijiet fuq il-meritu għall-għaxra (10) ta' Novembru, 1997 fid-9.15 a.m;

Spejjeż riservati għad-deċiżjoni finali.

---